# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 566

It-Tlieta, 21 ta’ Novembru, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, fl-10am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier (daħal fl-10.30am)
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Horace Vella – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta’ Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 566.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Horace Vella u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 566.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 566.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

566.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill illi dwar Miżura 4 tajna data ġdida sabiex tittella' l-attivita' abbinata mal-proġett. L-attivita' issa ser issir nhar l-24 ta' Awwissu 2024.

566.3.2 Dwar it-tranġar tal-public toilets fil-Kumpless Raymond Mercieca, il-Direttur Ġenerali talbitna Method Statement u tlabna lil Perit biex tlestih.

566.3.3 Il-Kunsill talab laqgħa mal-Perit Bundic dwar in-naħa t'isfel ta' Triq Għajn Tuta. Dan peress li l-Perit ma jridx li jagħti t-triq kollha minn naħa sa oħra bil-konkos wara li jsiru ż-żewġ trinek. Il-Kunsill jidhirlu illi fi triq dejqa bħal dik ma tistax traqqa t-trinek li jinfetħu biss imma trid issir it-triq kollha.

566.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi Alan Mizzi tal-CWS qiegħed bil-long sick leave.
Irċevejna talba għal doggy bin fi Triq Santa Luċija. Ħa jeħel.

566.3.5 Il-Kunsill Lokali rċieva l-approvazzjoni tal-iskema fuq CCTVs. Il-Kunsill ser jibbenefika minn Eur10,412.50.

566.3.6 Is-Sindku qal ukoll illi r-restawr fuq in-niċċa tal-Madonna tal-Patri ser jibda l-weekend li ġej.

566.3.7 Dwar l-applikazzjoni ta' traffic management fi Triq Ġużeppi Briffa, ġie approvat minn TM iżda ser nistennew li titlesta l-binja li qed tinbena ħalli ma jkollniex nerġgħu niżbgħu it-triq b'mod differenti.

566.3.8 Fl-aħħar seduta li saret dwar il-proġett ta' Qasam San Ġorġ, l-ERA reġgħet oġġezzjonat dwar il-paving li qed jipproponi l-Kunsill. Peress li ntalbet alternattiva, kellna naqgħu fuq proposta ta' timber wood għalkemm din lanqas hija finali u hija deċiżjoni tal-ERA.

566.3.9 L-outdoor gym equipment li ser ikun parti mill-Playing Field fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca ser jeħel fil-jiem li ġejjin u ser nagħmlu t-turf taħtu.

566.3.10 Għamilna talba lill-ERA sabiex tinqala' l-palma li kibret fil-wied li jagħti għall-wied

tal-Lunzjata.  Din ġiet aċċettata.

566.3.11 Irċevejna l-approvazzjoni tal-permess mill-PA dwar PA/1622/23 għall-proġett fuq Għar Ilma.

566.3.12 Irċevejna xi lmenti illi nhar ta' Ġimgħa qed ikun ħafna karozzi pparkjati fin-nofs quddiem il-gym li qiegħed fil-Każin tal-Banda peress li jkunu qed jistennew lit-tfal ħerġin.  Il-Pulizija ser ikunu qed jiġu fuq il-post sabiex jikkontrollaw it-traffiku.

566.3.13 Il-Kummissjoni Marċi Brijużi talbu sabiex jagħmlu attivita' għat-tfal taħt it-tinda nhar it-13 ta' Diċembru.  Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 566.4 Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li erġajna armajna t-tiżjin tal-Milied u sena wara s-sena issa qed inkomplu nżidu d-dwal u t-tiżjin.  Fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill iddeċieda illi jħallas xi ħaġa lill-Kumitat tal-Festa għall-attivita' li għamel tal-Milied u l-ħlas isir daqs is-sena l-oħra.  Madankollu, ġie nnutat li s-sena l-oħra ma sar l-ebda ħlas u għalhekk ġie deċiż illi nħallsu l-ammont ta' Eur300.  Hawnhekk sar qbil ukoll illi jerġa' jsir il-party tal-Milied tal-ħaddiema u ssir l-ikla tal-Milied tal-Kunsill.

## 566.5 Inawgurazzjoni tas-Siġra tal-Milied

Is-Sindku fakkar lil sħabu illi l-inawgurazzjoni tas-Siġra tal-Milied quddiem iċ-Ċentru Ċiviku ser issir nhar il-25 ta' Novembru fis-6.30pm.  Fl-istess ġurnata jinfetaħ ukoll Santa's Garden fi Ġnien il-Familja.

## 566.6 Public Convenience

Kif issemma aktar qabel, il-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed jgħin sabiex jirranġa t-toilets fil-Kumpless Sportiv.  Issa ser nistennew il-Method Statement minn naħa tal-Perit.

## 566.7 Miżuri 3 – Proġett Għar Ilma

Kif tkellimna qabel, il-permess ħareġ u l-attivita' ser issir fl-24 ta' Awwissu 2024.  Il-Kunsill qabel ukoll illi joħorġu l-offerti kollha meħtieġa fuq dan il-proġett.

## 566.8 Ilmenti u Suġġerimenti

566.8.1 Il-Viċi Sindku semma li t-toqba li kienet tranġat fi Triq l-Avukat A Calleja, reġgħet niżlet.  Ser terġa timtela u titranġa mill-ħaddiema.

566.8.2 Saret talba sabiex tinbidel bankina fi Triq il-Bies.  Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 566.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 566.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-10.45pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Diċembru, 2023 f'12pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |